# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minut tal-wieħed u erbgħin (41) laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar il-Erbgħa 16 ta' Novembru, 2011 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Rose Roberts Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti tal-laqgħa tqassmu u inqraw.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. Il-Minuti ġew approvati unanimament

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ma kienx hemm punti mqajjma.

## 4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno

4.1. Is-Sur Salerno rigward it-torello qal li Nadia Zammit qegħda taħdem fuqha hi u għandha tiltaqa mad-Direttur tal-Kunsill Lokali s-Sur Carmel Abela. Stephen Mizzi qal li tajjeb ngħinuha f xi affarijiet bħal affarijiet legali. Mario u Rose Robert qalu li l-ewwel trid tgħin ruħha hi u tmur għand id-Direttur

4.2. Il-Pilot Project – Is-Sur Salerno qal li irċevejna minn għand id-Department li il-flus ma ġewx ivvutati kif suppost. Riedu jittopjawhom imma ma għamluwiex. Meta tkellimna ma' Dr. Chris Said qalilna li ma jistax jagħmel mod ieħor sa l-aħħar tas sena. Mbgħad ikun jista jgħaddi xi ħaġa is-sena d-dieħla. X'ħin jgħaddulna l-flus mid-depertiment ser ngħadduhom lil Asfaltar.

4.3. Is-Sindku qal issa in-news letter ser tintbgħat għal printing il-Veritas Press. Is-Sindku ippropona li nagħmlu ktieb u nniżżlu dan ix-xogħol kollu li sar tul dawn l-aħħar snin. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

4.4. Is-Sur Salerno qal li il-proġett tal-Piroteknika li ser ikun Ko-finanzjat mil-ESF miexi ġmielu. Bħalissa għaddejjin bit-trattati mal-PPCD sabiex jiċċaraw l-affarijiet u fl-aħħar ta' Dicembru jiġi ffirmat il-kuntratt.

4.5. Il-Proġett ta' l-ESF l-ieħor issa wasal biex jintemm u fadallu uffiċjalment sa l-aħħar tas-sena. F'dan il-proġett, li kellna bħala sħab ukoll liż-Żurrieq, Birkirkara, in-Naxxar, San Gwann u Marsaskala, ħarriġna madwar 300 student li kienu jinkludu nisa tad-dar jew nies bi bżonnijiet soċjail, vulnerabli.

4.6. Is-Sindku qal li rigward il-binja tal-Kunsill ser ikollna spezzjoni mil-KNPD, il-Perit Spiteri, sabiex jaraw jekk hux kollox qiegħed konformi mal-pjanti sabiex ikunu jistgħu jibgħatu r-rapport tagħhom lil MEPA u jinħareġ il-compliance.

4.7. Is-Sindku qal li dan ix-xahar iffirmajna l-kuntratt tal-UIF mal-MEPA fejn għandna allokati madwar €12,000 sabiex jagħmlu tajjeb għal proġett tal-bandli fi Triq il-Barrieri.

4.8. Is-Sindku qal li għandna bżonn nagħmlu laqgħa ma Jesmond tal-Koptasin sabiex induru l-istop signs.

**Stqarrija tal-Viċi Sindku Joseph Carbone**

5.1.1 Is-Sur Carbone qal li dan ix-xahar għamel it-testijiet ta' l-elettriku flimkien mal-ħaddiema ta' l-IPSL u fadal xi ċekċik żgħar. Hu qal li ittestja kollox bil-generator.

5.1.2. Joe Carbone qal li sabuh xi nies u ilmentaw fuq Triq San Nikola li għadha ma saritx. Il-Kunsill qabel li nitolbu l-informazzjoni lil Asfaltar sabiex nibgħatu lil MEPA ha naraw fiex wasal il-Permess ta' din l-istess triq għaliex inkella ser ikollna ngħalquha biex jiġu evitati kull tip ta' inċident.

5.1.3. Is-Sur Carbone talab biex jiġi rranġat l-arblu fil-Housing Estate pero s-Sindku qallu li diġa kellem lil Joe Camilleri u ser jagħmlu.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.2.1. Is-Sur Mizzi qal li il-lezzjonijiet taz-Zumba waslu fi tmiemhom. Il-kbar u ż-żgħar ta' Marlene ser jispiċċaw il-ġimgħa d-dieħla. Il-lezzjonijiet ta' Maria u Pedro ser jispiċċaw ukoll dan ix-xahar. Ġie maqbul ukoll li għal Jannar nerġgħu noħorġu l-quotations sabiex nagħmlu korsijiet oħra taż-Zumba bħal din is-sena.

5.2.2. Is-Sur Mizzi qal li rigward l-indafa qegħdin nillaxkaw u hu tkellem ma' Raymond Attard u ir-raġuni li tah kienet li għaliex ix-Xitwa pero ser jaħdmu iktar.

5.2.3. Is-Sur Mizzi qal li kellu xi ilment min-nies li l-istaff tal-Kunsill kien qiegħed ikun aggressive man-nies. Hu qal li tajjeb li s-Segretarju jiġbed l-attenzjoni sabiex nipprovaw inkunu aktar kalmi. Is-Segretarju spjega li ma kienx jaf b'dawn l-ilmenti qabel pero ser ikellem l-istaff.

5.2.4. Is-Sur Mizzi talab fuq aktar informazzjoni fuq il-Health Insurance li għamilna. Is-Segretarju qallu li l-għada ser ikunu jistgħu jiġbru kopja tal-cover kollha mil-uffiċċju.

5.2.5. Is-Sur Mizzi talab li nerġgħu nipprintjaw aktar business cards.

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.3.1. Is-Sinjura Roberts staqsiet fuq il-bus shelters u għaliex għadhom ma waslux. Is-Sindku qallha li wara l-laqgħa li kellna mat-Trasport Malta dawn qalulna li bħalissa hem mil-permessi qegħdin il-MEPA u għad m'hemmx ħjiel kemm dawn jistgħu idumu.

5.3.2. Is-Sinjura Rose Roberts ilmentat li fi Triq Valletta qegħdin jgħaddu l-vetturi sparati u min ikun ħiereġ minn Sqaq ir-Ramlija jista jsib dawn il-karozzi ma wiċċu. Is-Sur Salerno qal ma nistgħux naqbdu u nagħmlu sleeping police għaliex jekk isir xi accident jissuwjaw lil Kunsill.

Is-Sindku qal li sqaq ir-Ramlija ser isir kompletament mil-fondi tal- Miżura 125 li ser napplikaw mal-GAL Xlokk.

Fis-6.15pm daħlet il-Kunsillier Nadia Zammit

**5.4. Stqarrija tal-Kunsillier Nadia Zammit**

5.4.1. Is-Sinjorina Zammit tkellmet fuq il-proġett Torello li tkellem dwaru is-Sindku iktar kmieni. Nadia qalet li hi kellmet lil Chris tal-EUPA. Nadia spjegat li hemm xi flights mhux ċari kif tħallsu u visas li wara li tħallsu qalulna li mhux eliġibbli. Madanakollu Nadia qalet li hi ser tħallas l-ammont pendenti ta' €5194. Is-Sindku qallha biex qabel tħallas l-ewwel tkellem lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali għaliex hu jista' jgħina fil-biċċa u niġġustifikaw. Nadia qalet li l-għada ser tmur tkellem lid-Direttur l-uffiċċju tiegħu.

**6.Approvazzjoni ta' ordnijiet ġodda.**

6.1. Proġett Torello – Ġie diskuss aktar kmieni.

6.2. Tabella f'tar-Robba – Is-Segretarju ippreżenta proposta biex issir tabella f'tar-Robba min Aviation. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

.

**7. Awtorizzazjoni tal-pagamenti**

Il-Pagamenti għaddew kollha.

**8.Affarjiiet oħra**

Il-kwotazzjoni tal-Oxford house rigward aktar xkaffar ma ġietx milqugħa.

**9. Konklużjoni**

7.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**